# 1 TA`MARZU 1942





*Kitba ta` Dr. Charles Delicata*

Il-Knisja Arċipretali w Matriċi ta` Stella Maris f`tas-Sliema kienet milquta b`bomba minn ajruplan Stuka tal-għadu Tedesk fl-1 ta` Marzu tal- 1942 fis-sagħtejn u ħamsa u tletin minuta ta` wara nofsinhar.



Kienet mietet f`dak l-attakk ċerta Dolores Borġ li kienet qiegħda wara l-bieb magħluq tal-knisja tistenna li jinfetaħ. L-għada tat-traġedja il-quddies beda jsir kull nofs siegħa fil-kappella tal-Grazzja faċċata tal-knisja parrokkjali. F`nofs ix-xahar ta` Mejju bl-għajnuna t`Alla u tas-sur Feliċe Mifsud magħruf bħala " ta` Pisanu" nbeda x-xogħol tal-kostruzzjoni b`ħajt ta` 55 pied bi 32 pied u erba` piedi fond biex tingħalaq il-kappella tad-Duluri li kienet baqgħet bla saqaf u biex isostni l-koppla li kienet fi stat perikoluż u f`periklu li taqa`.

Bil-grazzja ta` Alla l-knisja reġgħet ġiet miftuħa għal kult fl-għoxrin ta` Diċembru 1942 bis-Santissimu Sagrament jiġi mwassal fil-parroċċa proċessjonalment minn Villa Betharram fi Strada Reale.*

Is-sur Feliċe Mifsud kien strumentali biex ix-xogħol estensiv li kien hemm bżonn fil-knisja jsir fl-iqsar żmien possibbli. Il-kappillan Inguanez iddeskriva s-sehem tas-sur Feliċe hekk.



# Insigne Benefattore della Chiesa Matrice di Stella Maris, e nessun pagamento fattogli è sufficiente per compensarlo del suo coraggio, zelo e dedizione per ricostruire degnamente la Casa di Dio.

Parr. G. Inguanez.

*Villa Betharram issa hi magħrufa bħala "Fatima House" u qiegħda numru 65 High street Sliema. Kienet mibnija apposta bħala post ta` abitazzjoni għas-senatur Malti s-sur Fons Maria Galea. Illum titmexxa mis-sorijiet ursolini.

